MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Numru. 994/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN J. FARRUGIA**

**VS**

**MARTIN ATTARD**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Martin Attard, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 698262 (M).

**Akkuzat talli:**

Fis-7 ta` April, 2010, u fis-sena ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila jew setgha fuq haddiehor jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta` aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) imma inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta` Technoworld, ta` Rodney Testa li ghandu n-numru tal-Identita` 550879(M) u terzi persuni ohra.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta` spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi prodotti u semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li semghet raprezentant tal-isptar Monte Carmeli fejn l-istess imputat qieghed rikoverat,

Wara li rat l-ammissjoni volontarja tal-imputat u wara li rat il-koperazzjoni shiha tal-imputat mal-Awtoritajiet koncernati;

Wara li rat l-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Dina l-Qorti ma ghandha l-ebda alternattiva ohra hlief li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi partikolari tal-imputat temmen illi piena karcerarja mhix ezekuttiva, mhix adekwata. Min-naha l-ohra L-Qorti temmen illi l-vittma ta` dan l-incident , il-*parte civile*, ghandu jithallas lura dak li lilu gie misruq.

Ghaldaqstant, filwaqt illi l-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta` prigunerija ta` sena (1) tordna li a tenur tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, illi dan it-terminu ta` prigunerija ma` jibdiex isehh jekk fi zmien sitt (6) mil-llum l-imputat ihallas lura l-hlas lid-derubat is-somma ta` seba` mija u ghoxrin ewro (€720).

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------